MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2013

Numru 604/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Dominic Micallef)**
**(Spettur Mary Muscat)**
**vs**
**Paul Salomone**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Paul Salamone**, ta' 41 sena, bin Calcedonio Antonio u Carmelina nee' Mizzi, mwieled H'Attard fid-9 ta' Frar, 1965 u residenti 14, Triq ir-Raded, Manikata, Mellieha u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 116465(M);

Talli fil-Belt Valletta, nhar it-8 ta' Gunju, 2006, uzajt kliem jew imgieba ta' theddid, abbuzivi jew insolenti, jew xort'ohra gibt ruhek b'dan il-mod bil-hsieb li b'hekk tqajjem mibgheda razzjali jew b'hekk tohloq il-probabilita' li meta

wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha, titqajjem mibgheda razzjali;

Rat il-kunsens tal-avukat generali datat 22 ta' Gunju 2006 skond l-artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok sabiex l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti huwa essenzjalment wiehed, jigifieri diskors li huwa ghamel waqt *meeting* pubbliku gewwa l-Belt Valletta fit-8 ta' Gunju 2006. Dan id-diskors kien parti minn dimostrazzjoni organizzata mill-moviment Allejanza Nazzjonali Repubbulikana u l-imputat kien wiehed mill-kelliema. F'dan il-kaz il-pulizija agiet *de quo agitur* kontra l-imputat ghaliex deherilha illi d-diskors tieghu kien wiehed illi jmur kontra dak ravvizat fl-artikolu 6 tal-ligi tal-istampa Kapitolu 248 tal-Ligijiet ta' Malta, jigifieri diskors ta' theddid, abbuziv jew insolenti jew li agixxa b'mod li bih setghet titqajjem mibgheda razzjali;

Tajjeb illi jinghad illi d-diskors tal-imputat kien registrat minn ufficcjal tal-pulizija li kif ser jemergi aktar tard, xehed f'dawn il-proceduri u esebixxa registrazzjoni tal-istess. Inoltre, dan id-diskors kien *uploaded* fuq il-website tal-moviment u anke dan kien esebit in atti. Il-prosekuzzjoni, inoltre, esebiet traskrizzjoni tar-registrazzjoni tad-diskors li tinsab esebita bhala Dok PS 1 a fol 32 sa 39 tal-inkartament li maghha jaqbel l-istess imputat. Ghalhekk kwantu ghall-prova tal-allegat diskors din hija debitament skontata;

Il-provi tal-prosekuzzjoni kienu essenzjalment jikkonsistu fix-xhieda tal-ufficjali prosekuturi u tal-ufficjali li assistew ghall-interogatorju tal-imputat. Fuq talba tal-Qorti sabiex

jispjega fejn dan id-diskors huwa konsiderat li jirrientra fit-termini tal-akkuza, l-Ispettur Dominic Micallef wiegeb illi fit-tieni paragrafu tat-traskrizzjoni tad-diskors, l-imputat jghid illi "l-immigranti llegali, dawk li jigu bil-bahar u bil-visa, jiehdu x-xoghol lill-Maltin u jieklu u jorqdu ghas-skapitu tal-poplu Malti, dak li qed jigri f'pajjizzna". F'pagna tileta, paragrafu tnejn, l-imputat jghid: "u bdejt narahom Indjani, Gharab, Jugoslavi, Afrikani fl-ahhar ghadda Malti u ndunajt li kien Malti ghax lumenu dan qalli bongu, l-ohrajn baqghu ghaddejjin b'rashom baxxuta". Fil-paragrafu li jsegwei, l-imputat jghid: "progett li suppost kien tal-Maltin spicca progett tal-barranin, progett li suppost kellu johloq ix-xoghol ghall-Maltin spicca biex holoq ix-xoghol ghall-barranin, dak li gara l-ahwa, u maghhom ovjament irridu nzidu lill-immigranti illegali". F'pagna hamsa, l-imputat hu registrat li jghid: "kif tista ma thoss xejn meta tara lis-suldati u l-pulizija taghna saru babysitters ta' dawn il-klandestini, lanqas hajja normali m'ghad baqghalhom… konna poplu hieles u spiccajna sefturi tal-Ewropa, tal-immigranti llegali u tal-politikanti li bieghawna, hekk spiccajna". Il-prosekuzzjoni tilmenta ukoll illi f'pagna sitta tad-diskors tieghu l-imputat jghid: "jew trabbu s-sinsla u tiddefendu dak kollu li hu taghkom, dak kollu li ghalih carcru demmhom missierijietna u dak kollu li ghadna rridu nnislu lill-uliedna u lil ulied uliedna inkella ibqghu hekk mifrudin u kunu kuntenti sefturi tal-Ewropa kommunista u tal-immigranti llegali". Fl-istess pagna imbaghad l-imputat jghid: "ghadna kull dritt li niddiskriminaw kontra dawk li qed ihaddmu l-immigranti llegali basta li ma jhaddmux haddiem Malta". Issa ghalhekk l-ispettur prosekutur jiccita dawn is-siltiet bhala ezempju, fl-ahjar jghid illi "dawk l-iktar siltiet li laqtu lill-pulizija rigward dan il-kaz". U fil-verita, ezaminat id-diskors tal-imputat, dawk huma s-siltiet illi, *gratia argomenti* setghu jaghtu lok ghall-akkuza odjerna;

L-imputat ha l-opportunita illi jispjega lill-Qorti l-kontenut tad-diskors tieghu u beda biex jghid illi dak kien immirat lejn il-politikanti tant li mkien ma semma xi razza, kulur, religjon jew nazzjonalita' hlief f'parti zghira jew kliem li setgha jiccita mibgheda razzjali. Meta jirreferi ghall-immigranti jaghmilha cara illi qed jirreferi sia ghal dawk li

jaslu fuq il-bahar kif ukoll dawk li jaslu legittimament fuq l-iskorta ta’ visa valida. L-iskop tal-imputat fil-fehma tieghu kien li iqajjem kuxxjenza fil-politici Maltin u dawn internazzjonali partikolarment f’dawk tal-parlament Ewropew;

L-imputat ressaq bhala xhieda in difeza, erba’ persuni biex juri illi d-diskors tieghu ma kienx wiehed li jirrientra fil-projbizzjoni sancita fl-artikolu 6 tal-Kap 248 jigifieri li ma kien hemm xejn fih li jista’ jitqies bhala theddid, abbuzziv jew kapaci li jincita mibgheda razzjali. Il-Qorti ser tghaddi biex tiskarta dawn id-deposizzjoni, hlief fejn ser jissema’ aktar ‘l quddiem, ghaliex dawn huma persuni li ghalkemm kienu prezenti waqt il-*meeting*, ma jistghux jitqiesu bhala nies ta’ raguni ordinarja. Inoltre, wiehed mix-xhieda kien involut f’ezami tad-diskors qabel inqara, l-iehor iddikjara li hu interessat sew fis-suggett tant li tkellem bl-istess mod pubblikament u qatt ma tressaq il-Qorti u lkoll jidher li ghandhom interess li diskorsi fuq din il-materja jitqies bhala wiehed permessibbli u mhux sanzjonabbli. Dak li hu relevanti mix-xhieda ta’ dawn il-persuni u li ser ikun konsiderat minn din il-Qorti huwa l-fatt li lkoll xehdu illi waqt id-diskors tal-imputat, ghaddew persuni li indubbjament kienu immigranti min naha ta’ fuq l-Afrika u hadd mill-folla ma rreagiet b’xi mod;

Fil-konsiderazzjonijiet taghha, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Stephen Chetcuti u Simone Zammit Endrich** (7.11.2003) u l-principji hemm enuncjati. Punt kardinali li jemergi minn din is-sentenza huwa li l-intenzjoni tal-awtur f’kawzi bhal dak in dizamina mhix mehtiega li tkun proprju li taghmel dak ravvizat fl-akkuza odjerna ghaliex ikun bizzejjed jekk id-diskors jista’ jaghti lok ghal dak it-theddid, abbuz jew mibgheda razzjali. Ezaminat bir-reqqa id-diskors mertu tal-kawza, jemergi illi dan jehtieg li jkun konsiderat fit-totalita’ tieghu, jigifieri ma jistghux ikunu citati brani in *vacuo*. Frankament, din l-akkuza qatt ma messa tressqet quddiem din il-Qorti meta wiehed iqis illi fid-diskors tieghu, l-imputat, qaghad attent hafna li ma juzax kliem u deskrizzjonijiet li l-udjenza ta’ intelligenza ordinarja tista’ tifhem li kien qed jirreferi ghal xi

razza partikolari b'mod li jlissen f'dik l-udjenza xi mibgheda razzjali. Wara illi l-imputat jesprimi s-sentimenti tieghu kif citati mill-prosekuzzjoni, huwa jikkonkludi d-diskors tieghu bi kliem pacifiku meta jghid hekk: "U kif nistghu niddefenduh pajjizna? Vjolenza? Le. Dik mhix l-arma taghna. Il-vjolenza inhalluha ghal min irrid jaghmel kapital politiku minnha. L-ewwel arma taghna hija il-verita' L-argumenti li qed ingibu huma bazati fil-fatti u biex bil-paroli, u jekk nibqghu nsostu il-verita, U biha niddefendu lil pajjizzna, nirbhu zgur." Huwa jkompli illi "tielet arma hija il-vot l-ahwa. Ftakkru illi sentejn ohra l-elezzjoni…" L-imputat jissugerixxi illi l-udjenza tieghu ma taghtix il-vot lil dawk il-politikanti li skond hu abbandunaw lil Malta meta kellha bzonnhom;

Din il-Qorti ma tara xejn li jista' jitqies bhala theddida jew azzjoni abbuziva fil-konfront ta' xi persuni u wisq anqas bhala wahda li tista' tohloq mibgheda razzjali kontra persuni fid-diskors tal-imputat;

Ghal dawn il-motivi, ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah mill-akkuza dedotta kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------